MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 297/2009

Keith Demicoli (Id. 121282M) u Alexia Cordina (Id. 299283M).

Vs

Yeda Spiteri Thomas (Id. 375180M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi ppremettew illi permezz ta' konvenju datat 26 ta' April 2008 huma kienu ppromettew illi jixtru u jakkwistaw il-fond urban bin-numru hamsa u ghoxrin fi Triq il-Barrakki, Qormi u fuq l-imsemmi konvenju l-atturi hallsu lill-konvenuta bhala depozitu akkont tal-prezz is-somma ta' disa mija u tletin Ewro (€930); illi sussegwentement l-atturi u l-konvenuta estendew il-validita' tal-imsemmi konvenju sal-31 ta' Ottubru 2008; illi wara rrizulta li l-fond ma kienx mibni bis-sebgha u l-arti tal-bini kif iccertifika l-Perit David Vassallo u diversi partijiet mill-imsemmi fond kienu jinsabu fi stat

perikolux; illi l-atturi minnufih infurmaw lill-konvenuta dwar il-hsarat fl-imsemmi fond u li ma kienx bi hsiebhom jersqu ghall-konkluzzjoni u pubblikazzjoni tal-att finali tal-kompra-vendita; illi l-imsemmi konvenju kif estiz skada fil-31 ta' Ottubru 2008; illi ghalkemm interpellata bi protest gudizzjarju datat 17 ta' Novembru 2008 kif ukoll permezz ta' ittra legali datata 29 ta' Dicembru 2008, il-konvenuta naqset milli tirrifondi d-depozitu akkont tal-prezz lilha mhallas mill-atturi fuq l-imsemmi konvenju. Ghaldaqstant l-atturi jitolbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta' disa mija u tletin Ewro (€930), rapprezentanti d-depozitu akkont tal-prezz imhallas fuq il-konvenju, bl-ispejjes inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat 17 ta' Novembru 2008 u tal-ittra legali datata 29 ta' Dicembru 2008 u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza tal-konvenju ossia mill-31 ta' Ottubru 2008, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' disa mija u tletin Ewro (€930), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------